# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 234 :: NOVEMBRU, 2015



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS – "AGM"

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Novembru, 2015 (AGM),** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## MANWEL CASSAR JIRĊIEVI ĊERTIFIKAT



Il-membru tagħna, Manwel Cassar, dan l-aħħar irċieva ċertifikat b'rikonoxximent għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-*Port Phillip Writers Seniors Festival Writing Awards* 2015. Iċ-ċertifikat kien iffirmat minn Amanda Stevens, Sindku tal-Belt ta' Port Phillip. Informazzjoni fuq Manwel Cassar flimkien mar-ritratt tiegħu kienet tgħid li huwa awtur stabbilit, l-aktar magħruf għall-poeżiji tiegħu bil-Malti għalkemm huwa jikteb b'lingwi oħra wkoll. Huwa membru tal-Akkademja tal-Malti u tal-Għaqda Poeti Maltin kif ukoll tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Il-kitba tiegħu dehret f'ħafna antoloġiji u rebaħ ħafna kompetizzjonijiet letterarji. Ir-rapport ikompli jgħid li huwa kien editur ta' ħafna antoloġiji tal-Grupp Letteratura Maltija u anki serva bħala President għal xi snin. Manwel huwa wkoll pittur u fl-2014 irċieva l-*Master of Arts degree* mill-Victoria University. F'isem il-President, il-kumitat u l-membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria nifirħu lil Manwel Cassar.

## FIL-BAĦAR TAD-DMUGĦ *ta' Vladimir Vysotsky*




**(maqlub għall-Malti minn Yana Psaila), Malta-Iżrael-Polonja, 2015**

Din hija l-ewwel ġabra tal-poeżiji tal-poeta, attur u kantawtur leġġendarju Sovjetiku Vladimir Vysotsky (1938 – 1980) maqlubin mir-Russu għall-Malti. Din il-pubblikazzjoni hija edizzjoni limitata, maħruġa mill-Mużew iddedikat lilu fil-belt ta' Koszalin (Polonja) bl-għajnuna tal-ħbieb mill-Iżrael (ġiet stampata fil-belt ta' Herzliya). Fiha 14-il kanzunetta ta' tul differenti mifruxin fuq 20 paġna. Yana Psaila għażlet poeżiji għat-traduzzjoni b'tali mod li jispikkaw aspetti diversi tal-karattru u x-xogħlijiet ta' dan il-poeta. Dawn il-kitbiet fihom spettru vast tal-emozzjonijiet bħal ferħ u dwejjaq, imħabba u wġigħ, sarkażmu u satira, bl-elementi tipiċi tal-mentalità u ambjent Russi, iżda fl-istess ħin xogħlijietu jappellaw għall-qalb ta' kull qarrej. Għalhekk Vladimir Vysotsky ġieli jissejjaħ "ċittadin tad-dinja". S'issa il-poeżiji tiegħu ġew maqluba f'102 ilsien. – *(IL-PONT, ħarġa Nu. 30)*




## ASPETTI TAT-TRADUZZJONI MALTIJA

Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija jippreżenta *approach* ta' sfida għal kif wieħed jaħseb fuq it-traduzzjoni Maltija. Huwa kors ta' qari komprensiv fuq il-kwalità ta' traduzzjoni Maltija, waqt li joffri spjegazzjonijiet ċarissimi fuq problemi teoretiċi involuti fis-suġġett tal-istudji tat-traduzzjoni.

Fih medda wiesgħa ta' suġġetti bħal • il-ġrajja storika tat-traduzzjoni Maltija • bixriet kulturali fit-traduzzjonijiet Maltin

• xejriet teoretiċi mħaddmin mit-tradutturi Maltin • xeħtiet letterarji fil-Malti bħala lingwa mira

U kull wieħed minn dawn is-suġġetti jinfetaħ, bħal murtal tal-ftuħ, f'topiks oħra bit-temi u l-argumenti tiegħu.

Fil-qofol tiegħu l-ktieb jimplika li l-ħidma tat-traduttur

• titlob ħakma xierqa ta' żewġ lingwi • fiha struttura progressiva • tinvolvi teħid ta' deċiżjonijiet fuq strateġiji • taf tkun attività kreattiva

***Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija huwa għal dawk li jridu jaħdmu fil-qasam tat-traduzzjoni: studenti, professjonisti, riċerkaturi, awturi, xandara, u tradutturi.***

# IL-GVERN SE JIMPJEGA PERSUNA OĦRA MAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI

Il-Gvern se jirdoppja l-allokazzjoni ta' fondi lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Dan permezz ta' persuna oħra li l-Ministeru tal-Edukazzjoni se jimpjega mal-Kunsill, biex issir aktar riċerka fuq l-Ilsien Malti. Għan ieħor hu biex il-Kunsill ikun jista' jsaħħaħ ir-relazzjonijiet pubbliċi tiegħu mal-entitajiet pubbliċi u l-pubbliku.

Il-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo ħabbar dan wara li kellu laqgħat mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li fihom ingħata tagħrif dettaljat tax-xogħol li jagħmel il-Kunsill u l-ħtiġijiet tiegħu. Irrikonoxxa wkoll il-ħidma mifruxa li għamel il-Kunsill matul l-għaxar snin li ilu mwaqqaf.

Mill-konsultazzjoni pubblika li saret mill-Gvern fis-sajf li għadda dwar il-qagħda tal-Ilsien Malti u t-triq 'il quddiem, taw il-fehma tagħhom 30 persuna jew għaqda. Dan minbarra n-numru ta' ittri u artikli fil-gazzetti u l-mezzi soċjali.

Il-kontribuzzjonijiet kienu dwar l-irwol li għandu jkollu l-Kunsill fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-ġejjieni tal-Malti, l-aġġornamenti fir-regoli tal-ortografija b'mod partikolari l-ismijiet tal-pajjiżi u l-bliet barranin, u l-użu tal-Malti f'oqsma differenti tal-ħajja bħal fix-xandir u fit-tagħlim.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni għaraf ukoll li wasal iż-żmien li jsir Forum Nazzjonali fuq l-Ilsien Malti, biex dawk kollha li jixtiequ jsiru jafu x'xogħol sar u qiegħed isir b'risq ilsienna jew jixtiequ jagħtu sehemhom fil-ħarsien, it-tixrid u l-iżvilupp tiegħu, jingħataw l-opportunità kollha jiddiskutu u jesprimu ruħhom.

Il-Forum Nazzjonali se jsir nhar is-Sibt 7 ta' Novembru mit-8.30am sas-1.30pm f'lukanda ewlenija fil-Furjana. Dawk kollha li jixtiequ jattendu kellhom jibagħtu imejl fuq mandy.buhagiar@gov.mt sat-23 ta' Ottubru 2015.

Dwar dan, Trevor Żahra f'isem l-Akkademja tal-Malti qal li l-Ministru tal-Edukazzjoni bi kliem sod u ċar, wera bil-fatti l-fiduċja sħiħa tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill tal-Malti. Irrefera wkoll għal dak li qal il-Ministru Bartolo, li kull min qagħad jispekula li l-Ministru mhux kuntent bil-Kunsill u se jxoljih għandu risposta ċara.

# IN-NAR FL-ISPIRTU TIEGĦI

## *Poeżiji 2008-2014 (Carmel G. Cauchi)*

CARMEL G. CAUCHI hu wieħed mill-aħjar poeti tal-ġenerazzjoni tiegħu li, f'kuntrast mal-poetika tal-kakofonija u tal-proża-jċizzazzjoni, jisfruttaw l-effetti uditivi kollha li għandha l-kelma skont it-tradizzjoni. Il-vers ritmiku regolari, ir-rima (maskili u femminili, alternata, ġewwiena, ħielsa, magħluqa, mbewsa), l-allitterazzjoni, l-istrofa regolari: dawn u forom oħra tal-verbalità letterarja huma mħaddmin b'ħila u bi skop minn waqt għal ieħor. Bit-tħaddim xieraq u rigoruż tal-mezzi tekniċi li toffri l-arti tal-Poeżija, u bl-espressjoni ta' temi mġarrba personalment u mwessgħin b'mod li jiksbu xeħta universali, Carmel G. Cauchi qiegħed iħaddem prinċipji tipiċi tal-Poeżija fil-bidu tal-millennju: il-kompromess bejn il-kelma mitħaddta u l-kelma mirquma bi skop letterarju, kif ukoll l-insistenza fuq il-prinċipju li l-interessi tal-espressjoni poetika fiha nnifisha, huma assoluti, kostanti, 'il fuq minn kull staġun letterarju li jiġi u jgħaddi. Huwa kien konsistenti sa mill-fażi bikrija tiegħu. F'din il-kontinwità, imnissla l-aktar mill-qawwa tal-konvinzjoni letterarja tiegħu, huwa jsib l-identità umana u letterarja tiegħu, waqt li jidħol fil-grupp ta' dawk il-poeti li fehmu li l-Poeżija tista' ssalva, bħala kontenut u bħala forma, jekk tibqa' tislet, u taġġorna, kulma toffri tradizzjoni twila sħiħa.

***Mid-Daħla tal-Prof. Oliver Friggieri***

*Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*




**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**



# IMRIEŻAQ *programm nru 16*



Fl-ewwel merżuq tal-edizzjoni ta' nhar il-Ħadd, 18 t'Ottubru, Charles Coleiro *(ritratt, lemin)* tkellem dwar in-'Nuffara' u t-trajbu li nsibu fl-għelieqi - in-Nuffar u l-għolja tal-istess isem f'Għawdex. Ikompli jfisser x'nifhmu meta ngħidu "b'ġewża mara tieħu xi ħaġa iżda minn bajtru raġel ma tieħu xejn"; smajna b'aktar qwiel u idjomi bħal "ix-xewqat ma jimlewx il-bwiet" u jfisser x'kien il-kenur fil-ħajja tat-tisjir, kif ukoll is-sengħa tal-bizzilla.

Il-mistieden f'din l-edizzjoni kien l-awtur Paul P. Borg *(ritratt fuq ix-xellug)* li ħadna dawra mal-kampanja u l-ħtieġa li ngħożżu l-ambjent bħala identità naturali tal-poplu Malti. Tkellem ukoll dwar xi karattri li ltaqa' magħhom u li daħlu fil-kotba tiegħu. Din l-edizzjoni ta' "Imrieżaq" ixxandret nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru fuq Radju Malta.

Issibna fil-paġna fuq il-Facebook minn hawn: https://www.facebook.com/imriezaq

# LINJI – *Serata Mużiko-Letterarja*

Nhar it-Tnejn, 26 t'Ottubru, il-Malta Society of Arts, Poeżijaplus, u l-Għaqda tal-Malti - Università ppreżentaw 'Linji', lejla ta' qari ta' xogħlijiet kreattivi miktuba minn kittieba żgħażagħ. L-attività, li bdiet fis-19:30, saret f'Palazzo De La Salle, il-Belt u damet madwar siegħa. Fost l-oħrajn, qraw żgħażagħ li ħadu sehem fi proġetti tal-Għaqda, bħal Francesco Grech, Andrè Mangion, Beverly Agius, Matthew Schembri u Clifford Jo Żahra. Minbarra l-qari, ġew ippreżentati siltiet mużikali minn Vince Fabri, Dorothy Bezzina u Edward Mifsud. Id-dħul kien b'xejn u kulħadd kien mistieden.

Għal iżjed tagħrif żuru l-attività tal-Għaqda fuq Facebook: https://www.facebook.com/events/830813190367477/

# *ITTRI LI NIRĊIEVU....*

Għażiż Paul, Qabel xejn irrid dejjem nifirħilkom tax-xogħol li tagħmlu dwar l-ilsien Malti. Hu dejjem ta' pjaċir nara l-folju tal-aħbarijiet dwar dak li tkunu qed tagħmlu. Nista' nimmaġina u nara sewwa minn dak li hemm fil-folju l-għożża kbira li fiha żżommu l-ilsien Malti. Nista' wkoll nifhem l-entużjażmu li bih tiltaqgħu ħalli tħossu għal darba'oħra r-rabta tagħkom mal-għeruq! Nittama xi darba jkolli x-xorti nattendi waħda minn dawk il-laqgħat tagħkom jiena wkoll!

Dan l-aħħar kelli x-xorti nsir naf mill-qrib lil Fr Victor Shields, bniedem eċċezzjonali, u tkellimna fuqkom. Kellu biss kliem ta' tifħir tal-isforzi tagħkom. Ħtaft l-okkażjoni u għamilt wiċċi nara jkunx jista jgħinni ngħaddilkom xi pubblikazzjonijiet tiegħi. U ħatafni bil-ħerqa mill-ewwel biex iwasslilkom xi kotba. U hekk għamilt. Bgħatt xi pubblikazzjonijiet miegħu għal-librerija tagħkom. Nittama jkunu ta' ġid.

Intant, qiegħed ngħaddilek xi tagħrif dwar pubblikazzjoni tiegħi, (fil-fatt ktieb voluminuż ta' madwar 700 paġna!) dwar il-poeta Carmel Attard u t-tbatija mentali li għadda minnha. Jekk ikollok pjaċir tista' ġġibha bħala tagħrif dwar dan il-kittieb li kiteb poeżija sabiħa bil-Malti.

Saħħa dejjem u grazzi mill-qalb. Ħabibek,

***Paul P. Borg***

Għażiż Paul, Niżżikhajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria għax-xahar ta' Ottubru 2015. Prosit tal-poeżiji mxandra fih. Grazzi tal-aħbarijiet u tagħrif siewi ieħor.

Baqa' folju ta' valur kbir. B'imħabba:

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Prosit mill-ġdid u grazzi għall-ħarġa tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija, ta' Ottubru 2015, li bgħattli. Nittama li tinsab tajjeb. Nifraħlek dejjem għall-ħidma siewja tiegħek mingħajr waqfien b'risq il-Maltin, eżempju sabiħ għalina lkoll. Inselli għalik ħafna.

***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna ta' dal-Folju kif ukoll tal- Folju ta' Settembru li fih ġibt l-ittra li kont bgħattlek. Nirringrazzjak minn qalbi ukoll ta' xi tlieta jew erbgħa imejls oħra li kont bgħattli x-xhar l-ieħor li tagħhom ma kontx bgħatt nirringrazjak.

Dejjem napprezza li żżommni f'moħħok u żżommni dejjem aġġornat.

Dal-Folju kurrenti bħas-soltu fih ħafna tagħrifiet interessanti. Ħadt gost naqra r-rapport tal-Programm Mużiko-Letterarju Tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li jidher li mar tajjeb ħafna u minn qalbi nixtieq li nirringrazzzja lil Rose Lofaro li ġentilment qrat il-poeżija tiegħi. Ftit aktar minn 50 ruħ kienet attendenza ġmiela u ta' inkoraġġiment meta tqis li kulma jmur, kemm dawk li għandhom għal qalbhom il-poeżija u l-letteratura, kif ukoll l-emigranti Maltin anzjani inġenerali kull ma jmur dejjem jitnaqqru. Prosit lil kull min kien inkarigat biex ittella' programm bħal dan speċjalment lil dawk kollha li jaħdmu minn wara l-kwinti u li xogħolhom u l-ħin prezzjuz li jiddedikaw ma jidhirx. Dan hu dejjem apprezzat minn min jaf x'inhu involut biex jiġi organizzat programm bħal dan u ta' din il-kwalita`. Għalhekk prosit u prosit tassew lil kull min b'xi mod jew ieħor kien involut.

Il-kitba dwar il-FORUM NAZZJONALI FUQ L-ILSIEN MALTI li se jsir f'Novembru hija ta' inkoraġġiment kbir għax jidher li fl-aħħar qed isiru attentati serji biex kulħadd jiġbed ħabel wieħed fejn jidħol l-interess, il-ħarsien u t-tkattir tal-Ilsien Malti. Nistennew bil-ħerqa l-ġid u l-konklużjonijet li wieħed jittama li joħorġu minn dal-forum.

Insellu għalikom ħafna kif ukoll għall-ħbieb kollha tagħna tal-MLG-GLM.

Tislijet sinċiera,

***Nazzarene Zerafa, Queensland***

Għażiż Paul, Kemm nieħu pjaċir meta jasalli l-folju tax-xahar mingħandek. Nifraħ ħafna għax intkom il-Maltin tal-Awstralja tant tħobbu l-Malti u tapprezzawh ħafna drabi aktar minn ħutna l-Maltin f'Malta, għaliex ħafna drabi l-Maltin jieħdu wisq il-lingwa 'for granted'. Pero' mill-banda l-oħra, dan iż-żmien il-midja f'Malta donnu saret aktar konxja tal-użu tal-Malti fuq ix-xandir, b'riħet il-ħidma kontinwa li qed issir mill-għaqdiet u istituzzjonijiet tal-Malti. Prosit ħafna tax-xogħol li qed isir minnkom il-Maltin. Bħas-soltu ħsibt biex nibgħatlek poeżija oħra li ktibt illum.

Grazzi u prosit,

***Amanda Busuttil***

## Twelidna biex inħobbu

In-noti mużikali
qed jaqgħu fi dmugħ
minn għajnejn Ġuljetta
f'bukkett illi nixef
b'riħa ta' kotba antiki
f' librerija umduża
mikulin mill-kamla
b'riħa ta' xita fuq ħamrija mxarrba
li tirfed l-imnifsejn ta' min
nesa li aħna twelidna biex inħobbu
imma ħin m'għadx fadlilna
għax qtilnih,f'omiċidju sigriet sokkjuż.
Romeo u Ġuljetta baqgħu jmutu
t-tosku għadu jinbela' fis-sigriet;
ara 'ekk intix wieħed minnhom,
li qed toqtol it-tamiet.

***Amanda Busuttil***

## Il-buffu

Il-bieraħ rajt iżiġġ sponsun fil-qiegħ
u kaħlija ttir fil-għoli taħt ir-riħ,
kien hemm bidwi bl-ingravata ftit baħnan
tin iqaċċat ħajt iġarraf tas-sejjieħ,
kien hemm xiħa kollha diqa
fuq sellum tqaxxar tiġieġa,
kien hemm tifel wara tieqa
jara 'l ommu minn ġol-ħġieġa
kollha mħabba fuq is-saqqu,
jisma' 'l ommu qiegħda tingħi
quddiem buffu jikxef żaqqu
tgħidlu, ejja, ejja buffu nagħmlek tiegħi.
U il-buffu jaqla' jdejh
imċarrtin u kollha demm
li sammrulu in-nies ħżiena,
ix-xewk jislet waħda waħda
minn sponsun iżiġġ fil-qiegħ
u kaħlija ttir fir-riħ,
minn moħħ bidwi ftit baħnan
u mix-xiħa bit-tiġieġa,
minn fuq tifel wara ħġieġa
u ras ommu fuq is-saqqu
u jwaħħalhom dan il-buffu
ma' kuruna ddur ma' rasu.

*Paul P. Borg*
*Is-Sibt 28.06.2014*




# IX-XAFRA TAD-DESTIN – *ktieb ta' Michael Cini*

Din hija ġrajja b'tiżwiqa ta' mħabba, taqbid u glorja, f'rumanz storiku msejjes fuq iż-żminijiet ta' qabel, matul, kif ukoll wara l-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565.

Ir-rakkont jiftaħ b'attakk feroċi mill-furbani fuq komunità ta' rziezet fis-satra tal-lejl, fejn kulħadd jiġi mkaxkar bla ħniena bħala skjav. Proprjament, kważi kulħadd. Dan għaliex, tfajjel li dak iż-żmien ikun għad għandu biss seba' snin, b'miraklu jirnexxilu jeħlisha. Iżda qatt ma jirnexxilu jeħles mill-għatx għall-vendetta li kien laħaq bejjitlu f'qalbu.

Meta jikber, jibda jitħarreġ u jingħaqad mal-għassiesa tal-Maħras, li dak iż-żmien kienu jieħdu ħsieb li jħarsu lil xtutna mill-inżul tal-furbani. U aktar tard, bħala suldat tad-Dejma Maltija mill-aktar kuraġġużi, ma jistax jonqos li dlonk isib ruħu fuq quddiemnett tal-battalja meta l-Imperu Ottoman, jassedja lil Malta biex jipprova jeqred darba għal dejjem lill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Biss, f'dan ir-rumanz jispikka element partikolari, li joffri lill-qarrej l-opportunità biex din id-darba, iħares lejn l-Assedju l-Kbir tal-1565 minn perspettiva differenti minn tas-soltu – jiġifieri mill-angolu tal-Imdina. B'hekk, il-protagonisti prinċipali se jkunu l-abitanti tal-Imdina u tal-inħawi tal-madwar, fosthom tar-Rabat, Ħal Bajjada, Ħad-Dingli, Ħal Tartarni, l-Imġarr, Ħal Dragu, il-Mosta, Ħal Pessa, in-Naxxar, Ħal Bordi, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Muxi, Ħal Qdieri u oħrajn li kienu sabu r-rifuġju tagħhom wara s-swar tal-Belt il-Qadima.

Naturalment il-Kavallerija tal-Ordni, li bi qlubija kbira kienet toħroġ tagħti s-sehem tagħha mill-Imdina, lagħbet parti importanti ferm biex l-Assedju seta' jintrebaħ. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni ma' Sqallija li baqgħet għaddejja b'sogru kbir biex fl-aħħar setgħet tasal l-għajnuna tant meħtieġa, kienet ukoll organizzata u maħduma mill-Imdina. Hawn ħafna li dan ma jafuhx. Kemm hawn min imqar jimmaġina x'biża' kienu qegħdin iġarrbu familji sħaħ imkennin wara dawk is-swar dgħajfin? U fuq kollox, kemm hawn min japprezza li l-isforz biex intrebaħ l-Assedju l-Kbir ta' Malta kien tal-Imdina wkoll?

Hawnhekk ta' min jinnota li, filwaqt li dan ir-rumanz huwa informattiv b'mod pjaċevoli u mexxej dwar l-andament tal-Assedju l-Kbir, bl-ebda mod u fl-ebda waqt ma jtaqqal moħħ il-qarrej b'informazzjoni żejda li tista' ddejjaq lil min għandu għal qalbu l-qari tar-rumanzi Maltin. Anzi, x'aktarx li l-qarrej jieħu gost jitla' fuq is-swar, u jinżel fil-passaġġi sigrieti ta' din il-Belt antika. Mhux hekk biss, talli faċilment jista' jiltaqa' ma' xi kunjomijiet kif kienu jitlissnu f'dawk iż-żminijiet, kif ukoll jisma' ftit noti ħelwin ħerġin minn xi flejguta, xi żummara u anke t-tinwiħ ħlejju ta' xi żaqq. U żgur li se jirnexxilu jterraq ukoll qalb bosta rħajjel antiki li kienu jeżistu dak iż-żmien, imma li llum il-ġurnata x'aktarx li ntesew għax qajla għadhom jissemmew minħabba li nxtorbu mill-irħula l-kbar.

Ix-Xafra tad-Destin huwa minsuġ minn kapitli qosra li jagħmlu r-rakkont aktar mexxej, u li jħajjar lill-qarrej ikompli jaqra biex jiskopri dejjem iżjed x'ser jiġri, bir-riżultat li jsibha aktar diffiċli li jitilqu minn idejh. Wara s-suċċess li kiseb l-ewwel rumanz tiegħu Preżenza – Inti Temmen fil-Ħares?, l-awtur reġa' għażel li jirrakkonta din il-ġrajja fl-ewwel persuna, fejn mingħajr telf ta' ħin, min qed jaqra mill-ewwel isib ruħu fiż-żarbun tal-protagonist prinċipali. B'hekk ma jistax jonqos li jħossu qiegħed jieħu sehem reali f'din l-avventura qalbiena, li minbarra l-waqtiet eċitanti tat-taqbid, ma tonqosx ukoll l-emozzjoni mqanqla li taf toffri l-imħabba safja.

Dan ir-rumanz huwa mħawwar ukoll b'bosta idjomi, espressjonijiet, kif ukoll qwiel Maltin, li għandhom jinżlu tajjeb ma' dawk il-qarrejja li jfittxu kitba mirquma, u msawra b'tali mod li sservi ta' ġid letterarju għal min għandu għal qalbu l-ilsien Malti.



***Michael Cini twieled il-Ħamrun fl-20 ta' Lulju tal-1964, u trabba Ħal Balzan. Wara li temm l-edukazzjoni sekondarja u ħadem għal xi snin fil-qasam tat-turiżmu, daħal jaħdem bħala skrivan fis-Servizz Pubbliku. Huwa studja s-sengħa ta' Draughtsman u llum jokkupa l-kariga ta' Senior Principal. Matul il-karriera tiegħu, studja fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fl-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll bħala Qarrej tal-Provi bil-Malti. Huwa miżżewweġ lil Carmen, għandhom tifel jismu Nicolai, u joqogħdu l-Mosta. Filwaqt li fl-ewwel rumanz tiegħu Preżenza – Inti Temmen fil-Ħares? irnexxielu jlaqqgħek ma' ruħ ta' omm li kienet għadha ma tistax issib il-mistrieħ ta' dejjem, f'dan it-tieni rumanz beħsiebu jgħaddik mill-bieb tal-istorja, u jdaħħlek tieħu sehem miegħu f'din l-avventura qalbiena fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565.***

# SERATA F'ĠIEĦ PROF. OLIVER FRIGGIERI



B'turija ta' rikonoxximent lejn il-Professur Oliver Friggieri u x-xogħlijiet tiegħu, saret serata mużiko-letterarja, nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru, f'AZAD, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Din kienet tikkonsisti f'animazzjoni ta' siltiet mir-rumanz It-"Tfal Jiġu bil-Vapuri", qari ta' poeżiji u kant. Ħadu sehem: Mario Micallef, Karmen Azzopardi, Monika Attard u Nathalie Micallef flimkien mal-kantanta Diane Micallef u l-kantant/mużiċist Vince Fabri. Dħul kien mingħajr ħlas. Kulħadd kien mistieden. Kull min iħobb il-letteratura Maltija, għamel ħiltu kollha biex attenda għal din is-serata. Infatti l-ħabib tiegħi Mario Micallef, attur, awtur, direttu u producer ta' ħafna produzzjonijiet, kitibtli eżatt wara s-serata u qalli li kollox mar sewwa u s-sala kienet mimlija daqs bajda. Hemm ċans li siltiet minn din is-serata jinstemgħu fuq il-programm tiegħi kull nhar ta' Ġimgħa fil-5 pm fuq ir-radju komunitarju 3ZZZ, grazzi lil Mario Micallef. ***Ritratt: Prof. Oliver Friggieri (xellug) u Mario Micallef.***

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**

**Grazzi u napprezza ħafna.**

# IL-PROGRAMM "NWAR"

Prof. Anthony Aquilina kien il-mistieden speċjali fil-programm "Nwar" tal-Ġimgħa, 9 ta' Ottubru fuq Radju Malta 1, fis-7.00 pm. Il-programm kien iddedikat fuq l-arti tat-traduzzjoni.

Prof. Anthony Aquilina *(Chevalier u Officier dans l'Ordre des Palmes Académiques*) twieled Ħal Qormi fit-18 ta' Frar 1954. Huwa studja fil-Kulleġġ San Albert il-Kbir u l-Junior College tal-Belt Valletta. Ħa ċ-Ċertifikat ta' Għalliem mill-Malta College of Education. Iggradwa B.A. (Hons) mill-Università ta' Londra u kompla bl-istudji tiegħu fl-Università ta' Poitiers fi Franza sa ma ġab id-Dottorat b'teżi fuq Albert Camus.

Lura Malta huwa mexxa d-Dipartiment tal-Franċiż fis-*Sixth Form* u l-*Junior College* għal erbatax-il sena sħaħ, u serva ta' Language Area Coordinator bejn l-2002 u l-2007. Illum huwa Professur fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, tal-Interpretar u tat-Terminoloġija fi ħdan il-Fakultà tal-Arti, tal-Università ta' Malta.

Fir-riċerka tiegħu hu jiffoka l-aktar fuq l-Istudji tat-Traduzzjoni, l-Istorja tal-Edukazzjoni, il-Letteratura Franċiża u l-Frankofonija. Ippreżenta bosta studji f'konferenzi u kollokji internazzjonali u kien wieħed mill-kelliema ewlenin fuq "La mer au plus près / Il-Baħar fil-Arib" ta' Albert Camus fit-*Trentièmes Assises de la traduction littéraire Arles 2013*. Awtur ta' bosta kitbiet oriġinali u traduzzjonijiet mill-Franċiż, mit-Taljan u l-Ingliż għall-Malti, stampati f'kotba jew imxerrdin f'ġabriet kollettivi. Rebbieħ tliet snin wara xulxin tal-ewwel premju fil-konkors tat-traduzzjoni ta' rumanzi u novelli imniedi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mill-2006 sa l-2008 u għal darb'oħra fl-2014. Fl-2014 ukoll, huwa rebaħ il-premju internazzjonali *'Premio Ostana – Scritture in Lingua Madre – Categoria Traduzione'* għat-traduzzjoni tiegħu bil-Malti ta' *En mer* ta' Guy de Maupassant. Hu l-editur u koawtur ukoll ta': *Français-niveau intermédiaire, Théorie et pratique de la traduction littéraire français-maltais,* tal-Glossarju Franċiż-Malti / Malti-Franċiż, kif ukoll tal-Glossarju Ġermaniż-Malti / Malti-Ġermaniż.

Huwa fuq kollox il-pijunier fil-qasam tat-traduzzjoni tas-sottotitli bil-Malti tal-films b'numru konsiderevoli maqlubin ma' oħrajn, fosthom *Les Choristes* /Il-Koristi ta' Christophe Barratier, *Fight Club* ta' David Fincher u *Le Havre* ta' Aki Kaurismäki. Fl-aħħar nett, Toni Aquilina huwa l-Editur Ġenerali tas-Sensiela Traduzzjonijiet tad-Dar tal-Pubblikazzjonijiet Faraxa.

## *Tlifna ħabib tal-Malti...*

## IMUT PATRI KRISPIN TABONE, OFM Cap



Patri Krispin Tabone, OFM Cap



Ftit jiem ilu, il-ħabib tagħna f'Malta, Emmanuel Attard-Cassar (xellug), kitibli u wassalli l-aħbar kerha tal-mewt tal-ħabib kbir tiegħi u ħabib tal-Malti, Patri Krispin Tabone, OFM Cap. Emmanuel kitibli hekk...

*Nhar it-Tlieta 20 t'Ottubru 2015 tħabbret il-mewt ta' Patri Krispin Tabone. Huwa kellu 80 sena u kien Kapuċċin. Tul ħajtu għamel bosta snin il-missjoni. L-aħħar pajjiż tiegħu, bħala missjunarju, kien il-Kenja, fl-Afrika. Patri Krispin serva wkoll bħala Provinċjal tal-Kappuċċini Maltin. Xogħol ieħor li wettaq kien dak ta' Direttur taċ-Ċentru Żgħażagħ Franġiskani. Kien ukoll ipinġi u fl-Uffiċju tal-Missjoni fil-Furjana hemm żewġ pitturi biż-żejt ta' patrijiet li servew bħala isqfijiet fil-Kenja.*

*Il-missjoni ħabbha ħafna u kien ta' spiss jirrakkonta tifkiriet anki meta kien jieħu ħsieb iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Kien iħobb ħafna lil San Ġużepp u ma kienx jibża jipproponi u jmidd idejh għal proġetti ambizzjużi. Lil min kien jiddubita kien jgħidlu biex ma jibżax għaliex "San Ġużepp jipprovdi".*

*Kien bniedem disponibbli ħafna u jagħmilha ma' kulħadd, mal-kbir u maż-żgħir. L-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom fl-Uffiċju tal-Missjoni li jagħmel parti mill-kunvent tal-Patrijiet Kappuċċini fil-Furjana. Il-post kienu jżuruh ħafna immigranti li jkunu waslu Malta fuq id-dgħajjes. Kien dejjem jgħinhom mill-aħjar li jista'.*

Kien ukoll iħobb l-ilsien Malti. Kull meta kien jirċievi l-folju tal-Grupp Letteratura Maltija kien jibgħat jirringrazzjana mill-ewwel. Huwa kien dejjem bit-tbissima fuq fommu. Kien japprezza t-talenti tal-oħrajn u kien maħbub ħafna. Huwa kien minn Bormla.

Jien ili nafu ħafna, madwar 20 sena. Kull meta konna ninżlu Malta dejjem kont immur narah fil-kunvent tal-Furjana.

Konna nikkorrespondu sikwiet permezz ta' *emails*.

Nixtieq nirringrazzja lil Emmanuel Attard-Cassar li dejjem kien iżomni infurmat dwar Patri Krispin u mhux l-ewwel darba kien iwassal it-tislijiet tiegħi u ta' marti, Salvina, meta kien imur jarah.

Nitlobkom tiftakru fih fit-talb tagħkom.

## LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-**Grupp Letteratura Maltija Ink.** sejra tinżamm
**fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville,**
**nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Novembru, 2015, fis-7.30 pm.**

Dak inhar issir elezzjoni għal kumitat ġdid. Kull membru jista' joħroġ għal xi pożizzjoni fuq il-kumitat jew jinnomina lil xi ħadd.
Dawk li huma membri finanzjarji biss jistgħu jattendu għal din il-laqgħa u jivvutaw.

***Nisperaw li kulħadd jattendi – Ċemplu lis-Segretarja fuq 9338-3920***

**TINSEWX! IL-LAQGĦA TA' DAN IX-XAHAR SE TKUN NHAR IL-ĠIMGĦA, 27 TA' NOVEMBRU, ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-7.30 PM. NARAWKOM HEMM.**

# "... MAQFUL FIL-ĦABS TA' ĠBINI..." *ktieb ta' Paul P. Borg*

*(Dan hu l-isem tal-ktieb b'xeħta awtobijografika tal-kittieb Paul P. Borg li kien ħabib tal-poeta tat-Tbatija, Carmel Attard. Borg kien jaf lil Attard sa minn ċkunitu u kiteb fid-dettal dwar dawk il-waqtiet li qattgħu flimkien biex il-qarrej ikun jista' jifhem kemm il-poeżija kienet l-uniku mezz ta' faraġ tal-poeta).*

"...maqful fil-ħabs ta' ġbini..." hi frażi minn silta fil-poeżija *Martirju* tal-Poeta Carmel Attard li miet kważi 20 sena ilu meta kellu madwar 51 sena. Dan hu wkoll l-isem tal-ktieb li Paul P. Borg kiteb dwar l-esperjenzi tal-ħbiberija tagħhom. Il-ktieb fih ukoll ġabra ta' poeżiji li kiteb Attard wara l-pubblikazzjoni taż-żewġ kotba ta' poeżiji, *Taħt qillet ix-xemx* (1972), u *Lampara* (1980).



Borg jistqarr mill-ewwel illi jikteb dwar il-ħajja tal-poeta Attard biex juri li s-sofferenzi tal-bniedem ma jistgħux jibqgħu għaddejjin bla ma s-soċjetà tieqaf tirrifletti. Juri wkoll kemm il-bniedem jiflaħ ibati fis-skiet u kemm il-kitba hi ħafna drabi l-uniku kenn li l-bniedem isib mid-daqqiet tas-soċjetà.

Il-poeżiji ta' Attard, l-aktar dawk miktubin fl-aħħar għoxrin sena ta' ħajtu juru kemm hemm bnadi moħbija fil-qalb u fil-moħħ tal-bniedem li jgħix fis-soċjetà tagħna fuq dawn il-Gżejjer. It-tbatija li għadda minnha ftit jistgħu jimmaġinawha. Il-poeżiji juru kemm dal-Poeta wera li r-relazzjoni bejn l-individwu u s-soċjetà, mhix biss dik li tidher. Mhix dak il-ġmiel mimli sliem u ward u żahar, li ħafna jiktbu li hi. Soċjetà li tippreżenta ruħha Nisranija, ħanina u edukata għandha mnejn tkun kollox barra hekk. Carmel Attard ħareġ minn soċjetà mimlija nies ġejjin u sejrin il-quddies, f'pajjiż mimli tradizzjonijiet insara, imma li xorta waħda kienet soċjetà mimlija stigma qawwija kontra ċerti kundizzjonijiet mentali u kontra għażliet personali u intimi li jagħmel l-individwu anki dwar is-sesswalità tiegħu.

Il-Poeta kien konxju ta' nies madwaru kull fejn ikun li juru ħrara kbira lejn il-ħajja Nisranija - imma juri bil-kitba tiegħu li soċjetà bit-tabella 'ħanina' tista' tkun soċjetà kattiva. Soċjetà bit-tabella 'edukata' għandha mnejn tkun soċjetà mimlija stigma kiefra kontra d-diversità ta' wħud fiha. Għandha mnejn tkun soċjetà li twarrab bla ħniena ta' xejn lil min iħoss il-ħtieġa ta' xi kura minn mard mentali.

Carmel Attard kien poeta uniku minħabba li saħħtu ħabbtitu ħafna u kellu jkun rikoverat l-isptar Monte Carmeli fi żmien meta ma kienx għadha magħrufa sewwa kura neċessarja. Kien bniedem illi deher qabel żmienu fil-pajjiż u semma leħnu bil-konvinzjoni li kellu dwar id-dritt sagrosant ta' għażla ħielsa lil min ried jagħmel għażliet intimi u personali li mhux kulħadd jaċċetta.

Il-kitba ta' Carmel Attard turih bħala poeta li l-poeżija mhux biss kitibha imma kienet biċċa minnu stess, tant li kienet l-uniku sieħba sinċiera li kellu f'ħajtu, jikkonsidra fil-fatt bħala l-istess martu, jiddibatti magħha, jitkellem magħha u fuq kollox isib is-serħan ta' qalbu magħha. Biha jikxef id-dramm ta' ħajtu f'kull pass li jagħmel, id-dar, fuq ix-xogħol, fit-toroq u l-isptar. Sfortunatament Attard sab fis-soċjetà madwaru nies illi ma kinux dejjem sensittivi għall-qagħda tiegħu. It-trattament li kien jieħu l-isptar u l-qagħdiet tiegħu l-isptar mhux dejjem kienu jkunu ta' vantaġġ jew siewja għalih. Ta' min jgħid illi b'mod mill-aktar paradossali, kien minħabba dawn il-qagħdiet u dawn is-sofferenzi, illi għandna l-kwalità ta' poeżija li kiteb. Il-poeżija *Martirju* hi poeżija li turih bħala bniedem li għadu jsofri matul l-aħħar tletin sena minn episodji umani li ġarrab fi tfulitu meta kien għad kellu tmien snin, u li ma telquh qatt aktar matul ħajtu.

Il-Letteratura Maltija għad trid tiskopri sewwa min kien Carmel Attard fl-isfond tal-ħajja iebsa li għex u li waqfet qasir il-għomor. Lil Carmel Attard il-Malti għad irid jonqoxlu n-niċċa li tixraqlu mal-poeti l-kbar tal-Letteratura.

*(minħabba li dan l-artiklu wasal ftit tard għall-pubblikazzjoni qed nużawh kif waslilna – l-Editur)*

***Din li ġejja hi waħda mill-poeżiji ta' Attard:***

## *MARTIRJU*

***Mulej…***
***Inti taf li ili tletin sena***
***maqful fil-ħabs ta' ġbini.***
***Mulej…***
***inti taf kollox***
***kull rokna mistura ta' ruħi***
***titbandal ġol-għeja***
***ta' moħħi.***
***Mulej…***
***inti taf li din hi farsa ċinika***
***u traġedja***
***li aħjar tispiċċa.***
***Qarribli l-mewt Mulejja***
***qabel ma l-kamra ż-żgħira tidfinni ħaj,***
***aqtagħli nifsi,***
***iżda ħalli tmiemi***
***jkun mogħni bil-ferħ***
***ta' martirju***
***ta' tletin sena sħaħ***
***hemm fuq salibek.***

***22/11/1981.***



Nhar is-Sibt 24.10.2015 kelli l-opportunita' nara produzzjoni Salesjana f'Tas-Sliema fejn itella' d-dramm 'Għalik Ma' li kien jirrakkonta l-ġrajja ta' ħajjet Don Bosco u kemm batiet miegħu 'Mamma Margerita'. Nixtieq infaħħar lil kull min kellu x'jaqsam mad-direzzjoni u l-produzzjoni ta' dan ix-xogħol, għax tassew kien hemm użu tal-Malti mill-isbaħ, kif ukoll fl-aħħar tad-dramm ġiet irreċitata l-poeżija tant emozzjonali 'Requiem għal ommi' tal-Professur Oliver Friggieri. Tassew kien tmiem emozzjonali u li qanqal lill-udjenza b'demgħa. Prosit tassew mistħoqq!

***Amanda Busuttil, Ħal Għaxaq-Malta***